**13 ta' Marzu, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.**

John Bonett *noe*

*versus*

John C. Cooper *et noe et*

## Nuqqasijiet u Ħsara fil-Merkanzija – Danni – Aġent ta' Vapur – Ċertifikat tal-Kontrollur tad-Dwana

*Kawża fejn assikuratur surrogat fid-drittijiet ta' l-assikurat tiegħu talab ir-risarċiment tad-danni sofferti konsegwenti għal merkanzija nieqsa u danneġġjata.*

*Minn evalwazzjoni tal-provi, il-Qorti akkollat u apporzjonat ir-responsabbiltà kif jirriżulta mis-sentenza. Importanza deċiżiva kellu ċ-ċertifikat rilaxxjat mill-Kontrollur tad-Dwana.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

L-Att ta' ċitazzjoni jaqra hekk:

Peress illi s-soċjetà konvenuta Cassar & Cooper (*Shipping & Insurance Ltd.) nomine* ttrasportat merkanzija konsistenti f'għoxrin (20) "*bales cotton towels*" destinati lis-soċjetà Emanuel Buttigieg Ltd. u dan permezz tal-vapur M.V. Shunei Maru li wasal Malta fil-5 ta' Ottubru, 1988, kif jirriżulta anke mill-polza tal-kariku (Dok. A);

Peress illi l-merkanzija, wara li ġiet skarikata minn fuq il-vapur tqiegħdet fil-kura u/jew kustodja u /jew pussess u/jew kontroll tas-soċjetà konvenuta *The Cargo Handling Co. Ltd.;*

Peress illi l-merkanzija fuq imsemmija ġiet ikkonsenjata b'diversi nuqqasijiet u ħsarat kif ċertifikat ukoll mill-Kontrollur tad-Dwana (Dok. B) u bħala riżultat tan-nuqqasijiet u ħsarat is-Soċjetà Emanuel Buttigieg Ltd. soffriet danni;

Peress illi s-Soċjetà attriċi, assikuratriċi tal-merkanzija, ħallset lis-soċjetà Emanuel Buttigieg Ltd. għad-danni sofferti s-somma ta' disa' mija u ħamsin lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm959.77), u ġiet surrogata fid-drittijiet ta' l-istess soċjetà kif anke jirriżulta mill-irċevuta u surroga (Dok. C);

Peress illi għan-nuqqasijiet u ħsarat u d-danni sofferti bħala riżultat huma responsabbli s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom minħabba inadempjenza fl-obbligi tagħhom u/jew negliġenza;

Peress illi mitlubin biex jagħmlu tajjeb għad-danni l-konvenuti baqgħu inadempjenti;

Jgħidu l-konvenuti *nomine* għaliex din il-Qorti in vista tal-premess, m'għandhiex:

1. tiddikjarahom jew min minnhom responsabbli għan-nuqqasijiet u ħsarat fil-merkanzija destinata lis-soċjetà Emanuel Buttigieg Ltd. u danni sofferti bħala riżultat ta' l-istess;

2. tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' disa' mija disa'

u ħamsin lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm959.77) jew ammont verjuri li jogħġobha tillikwida din il-Qorti;

3. tikkundannahom jew min minnhom biex iħallsu lill-attur *nomine* kif surrogat fid-drittijiet tas-soċjetà Emanuel Buttigieg Ltd. l-ammont hekk likwidat bħala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali mill-5 ta' Ottubru, 1988, id-data tal-konsenja, kontra l-konvenuti *nomine* jew min minnhom li huma inġunti biex jidhru għas-subizzjoni;

Godwin Abela oppona illi l-merkanzija ġiet żbarkata meta kienet diġa dannegġjata u lis-soċjetà minnu rappreżentata ma kinitx responsabbli għat-termini tan-numru 86, tar-Regolamenti dwar il-Portijiet 1966 li jipprovdi li meta merkanzija tkun skarikata f'pakki difettużi jew fi stat li l-merkanzija ta' ġo fihom tista' tixtered, m'għandu jitqies li tkun saret kunsenja tagħha lis-Suprintendent tal-Portijiet jew lill-kuntrattur – ċjoè lilu;

Il-konvenuti l-oħra Cooper u Harding eċċepew illi mhumiex responsabbli għall-ħsarat allegati u jekk huma, limitatament – skond il-liġi u l-polza ta' karigu; sussegwentement huma mmodifikaw din il-pożizzjoni billi ammettew li skarigaw tliet (3) balal anqas milli kellhom fil-polza u li disa' (9) oħra skarigawhom bil-ħsara;

Il-polza ta' karigu kienet għal għoxrin (20) balla, waqt li, l-Kontrollur tad-Dwana rrilaxxa lil Emanuel Buttigieg Limited erbatax-(14) il waħda – Dokument B;

Kif huwa, għal din il-Qorti almenu, magħruf, id-dokumenti AA1, AA2, AA3 u AA4, – imsejħa *"Tally Sheets"* li jiġu kompilati mill-aġenti tal-bastiment li jkun qed jiskariga l-merkanzija, u r-rappreżentant ta' *The Cargo Handling Co. Ltd.* – f'dan il-każ iż-żewġ konvenuti, – liema dokumenti jindikaw il-kwantità ta' kartun jew pakketti ta' merkanzija li tinżel minn abbord u l-istat apparenti ta' dawk il-kartun, pakk jew balla – mhux dejjem ikunu preċiżi. Il-konvenuti għandhom ir-responsabbiltà li din l-impreċiżjoni jiċċarawha għaliex dokumenti bħal dawn huma dejjem prova importanti f'kawżi bħal din;

Fil-każ preżenti, jidher li minn fuq il-bastiment Shunei Maru niżlu tnejn u tletin (32) balla, 6, 7, 12 u 7 – flok l-għoxrin (20) li kien hemm fuq il-polza. Ebda spjegazzjoni ma ngħatat għal din id-diskrepanza qawwija;

Skond l-istess dokumenti – tniżżlu, minn dawk it-32 – sebgħa (7) balal imtebbgħin, waħda (1) danneġġjata u oħra miftuħa b'mod li l-merkanzija ta' ġo fiha kienet tidher – *"contents exposed"*;

Espressjoni deskrittiva li l-Qorti se tissellef mir-rumanzi Ingliżi – *"the plot thickens"* għaliex imbagħad minn żewġ dokumenti oħra – daqstant ieħor importanti f'kawżi bħal dawn – il-*"gate pass out"* – dokument G1 u G2 jirriżulta illi *The Cargo Handling Co. Ltd.*, ikkunsenjat lill-awtur ta' l-attur, – ċjoè l-importatur jew il-burdnar li huwa jqabbad – sitta u erbgħin (46) balla – li minnhom – ħdax (11) kienu ppakkjati ħażin – *"loose"* jgħid id-dokumenti, u waħda (1) kienet bil-ħsara. Dawn id-dokumenti ta' l-aħħar jorbtu lill-importatur, ċjoè l-attur minnu surrogat, u s-soċjetà konvenuta rappreżentata minn

Godwin Abela;

Billi l-attur ma kienx impressjonat bil-misteru ta' l-inkongruwenza fin-numri, il-konvenuti Cooper u Harding bdew biex jippruvaw almenu jagħmlu tajjeb għall-eċċess fl-addizzjoni, billi ppreżentaw **żewġ** poloz ta' karigu – waħda ta' għoxrin (20) bħal dik ta' l-attur u oħra ta' tnejn u tletin (32) balla – biex għalhekk it-total jiġi ta' tnejn u ħamsin (52) balla ta' merkanzija li Emanuel Buttigieg Limited importat f'Malta – dokumenti CC u DD. Minn dawn, it-tnejn (2) kienu mtebbgħin u sitta (6) kienu tqattgħu u reġgħu ġew meħjuta. U biex l-istess Cooper u Harding juru għaliex huma ammettew li kkunsenjaw 3 balal anqas milli kellhom iġorru – esibew sett ta' *"tally sheets"* oħra – dokumenti EE, FF, GG, HH, II, JJ, KK, LL, MM, u NN – minnhom infatti jirriżulta li huma kkonsenjaw lil *The Cargo Handling Co. Ltd.* disa' u erbgħin (49) balla flok it-52 li kellhom iġorru, li minnhom imbagħad – disa' (9) kienu danneġġjati;

Dan ifisser li l-konvenut Abela rċieva erbgħin (40) balla f'istat tajjeb u 9 danneġġjati; mentri huwa kkonsenja lil riċevent – sitta u erbgħin (46 – flok 49 – tlieta nieqsa – li minnhom waħda danneġġjata u ħdax (11) *"loose"*;

Kemm l-attur kif ukoll il-konvenut esibew numru ta' dokumenti li fihom komplew jikkunsidraw biss għoxrin (20) balla – bħallikieku ma kien hemm ebda diffikultà fuq il-kwantità preċiża tal-balal (a) li ġara l-bastiment, (b) li waslu Malta (ċ) li ġew kunsenjati lill-burdnar tas-soċjetà importatriċi. Però l-Qorti nnotat li **bil-lapis** fuq id-dahar ta' l-ittra ta' l-14 ta' Ottubru 1988 minn Emanuel Buttigieg Limited lil *Cassar & Cooper (Shipping & Insurance Ltd.)* – dokument 1 – fol. 57 – hemm

notament li jindika li "*Bales*" – kien hemm ħamsa u erbgħin (45) u "*cartons*" kien hemm erba' (4) – total ta' disa' u erbgħin (49), kif jirriżulta mit-"*tally sheets*" dokumenti EE, FF, GG, HH, II, JJ, KK, LL, MM, u NN;

*Omissis;*

Għalhekk il-Qorti tista' tirrisolvi l-vertenza bl-aħjar grad ta' ċertezza fuq dawn il-fatturi:

Iċ-ċertifikat tal-Kontrollur tad-Dwana jindika li mid-dwana, ġew rilaxxjati erbatax (14)-il balla bid-distintivi 87/138 u 88/035, waqt illi l-'*gate – passes – out*' dokumenti G1 u G2 juru li *The Cargo Handling Co. Ltd.* lill-burdnar ta' Emanuel Buttigieg Ltd., ikkonsenjatlu dawn l-14 – waħda minnhom danneġġjata;

Il-likwidazzjoni tad-danni qiegħda wkoll tiġi simplifikata – neċessarjament fiċ-ċirkostanzi – b'dan il-mod:

| | |
|---|---|
| Valur ta' 20 balla | Lm1675 |
| Dazju | 631 |
| Assikurazzjoni | 30 |
| | Lm2336; |

| | |
|---|---|
| Valur ta' ħames balal nieqsa total ta' | Lm584 |
| Valur ta' danni tal-balla danneġġjata | Lm58 |

Il-konvenuti Cooper and Harding *nomine* huma responsabbli għal tlett balal nieqsa – Lm350;

Godwin Abela *nomine* huwa responsabbli għal żewġ balal nieqsa – sħaħ u nofs balla danneġġjata – Lm292;

Total tad-danni – *sitt mija* u tnejn u erbgħin lira (Lm642);

Minħabba **l-fatti** li l-Qorti aċċettat mhux *il-każ* li tikkonsidra l-eċċezzjoni a bażi 86 tar-Regolamenti tal-Portijiet 1966;

Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti kienu responsabbli għan-nuqqasijiet u d-danni li sofriet Emanuel Buttigieg Limited kwantu *għaż-żewġ* balal ta' merkanzija nieqsa u balla danneġġjata l-konvenut Godwin Abela *nomine* u kwantu għal tlett balal nieqsa lil John Cooper u William Harding it-tnejn għan-nom ta' *Cassar & Cooper (Shipping & Insurance Ltd.)* għall-armaturi tal-vapur Shunei Maru u tikkundannahom li jħallsu lill-attur *nomine* ir-risarċiment tad-danni li għalihom huma responsabbli billi huwa ġie surrogat fid-drittijiet tal-kreditur danneġjat – rispettivament *mitejn* u tnejn u disgħin lira (Lm292) Godwin Abela *nomine u tlett mija* u ħamsin lira (Lm350) Cooper & Harding *nomine* – b'kollox sitt mija u tnejn u erbgħin lira (Lm642). Interessi mid-data tas-surroga – 29 ta' April 1989;

L-ispejjeż għandhom jiġu sopportati kwantu għal terz mill-attur, terz minn Abela *nomine u terz minn* Cooper u Harding *nomine*.